MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru 320/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Veneranda Xuereb**
**Omissis**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Veneranda Xuereb, 67 sena, bint Pawlu Azzopardi u Ġużeppa nee' Spiteri, imwielda Għajnsielem, nhar is-17 ta' Ottubru 1943, residenti fil-fond numru 13, Triq Sant' Elia, Għajnsielem u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 39543G u David Xuereb, 66 sena, bin Wenzu u Carmen nee' Azzopardi, imwieled Għajnsielem, nhar il-5 ta' Lulju 1944, residenti fil-fond numru 13, Triq Sant Elija,

Għajnsielem u detentur tal-karta tal-identita' bin numru 58244G.fejn ġew imputati talli nhar is-26 ta' Novembru 2010 ġewwa Triq Santu Liju, Għajnsielem (Għawdex), għal ħabta ta' bejn il-erbgħa nieqes kwart u l-erbgħa (1545 – 1600 hrs) ta' wara nofsinhar:

(a) Volontarjament ikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jack William Wright, billi tawsh daqqiet b'oġġett iebes (lasta ta' xkupa) lil imsemmi Jack William Wright f'wiċċu w f'rasu;

(b) Volontarament ikkagunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jack William Wright, billi taw daqqiet lil imsemmi Jack William Wright f'wiċċu w f'rasu;

(c) Fl-istess data hin lok u ċirkostanzi ħebbew kontra Jack William Wright sabiex jinġurjaw, idejjqu jew jagħmlu ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;

(d) Ukoll talli fl-isterss jum, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubblikku, b'għajjat u bil-ġ;ied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Veneranda Xuereb ġiet imputata wkoll talli:

(e) volontarjament ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright, billi tagħtha daqqiet b'oġġett iebes (lasta ta' xkupa) lill-imsemmi Jannette Teresa Gloria Violet Wright;

(f) involontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' nuċċali, ġizirana, kif ukoll qmis fejn il-valur totali hu ta' aktar minn €116.47 għad-dannu ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright.

**3.** David Xuereb ġie imputat ukoll talli:

(g) involontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe'

qmis fejn il-valur totali mhux aktar minn €116.47 għad-dannu ta' Jack William Wright;

(h) talli irrendew ruħhom reċedivi ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Għawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula

u l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq.

**4**. Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputata Veneranda Xuereb ħatja tar-reat ta' offiża gravi fuq il-persuna ta' Jack William Wright, ir-reat tal-offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jannete Teresa Gloria Violet Wright, tar-reat tal-ħsara volontarja għad-dannu ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright u tar-reati ta' natura kontravvenzjonali a tenur tal-artikoli 338(dd) u 339(1)(d) u kkundannatha għal perijodu ta' sitt xur priġunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien sena mid-data tas-sentenza; u fil-konfront tal-imputat David Xuereb sabitu ħati tar-reat tal-offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Jack William Wright kif ukoll tal-akkużi kontravvenzjonali a tenur tal-artikoli 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' €100.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja Veneranda Xuereb bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza u ordnatilha tħallas lill-parti leża Jannette Teresa Gloria Violet Wright is-somma ta' €500 u dana fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Veneranda Xuereb minnha prezentat fit-18 ta' Ġunju 2012, li permezz tiegħu talbet lil

din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellanti Veneranda Xuereb ħatja tal-akkuża tar-reċidiva, tirrevokaha in kwantu sabitgha ħatja tar-reat tal-offiża gravi fuq il-persuna ta’ Jack William Wright, tar-reat tal-offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Jannette Teresa Gloria Violet Wright u tar-reati ta’ natura kontravvenżjonali a tenur tal-artikoli 338(dd) u 339(1)(d) u minflok tilliberaha minn kuill imputazzjoni u ħtija.

**6.** Rat l-atti u l-provi kumpilati fl-ewwel istanza u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**7.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Jack William Wright u martu Jannette Teresa Gloria Violet Wright joqgħodu ftit ‘il bogħod mir-residenza tal-imputata appellanti u żewġha fi Triq Sant Elija f’Għajnsielem Għawdex. Għal xi snin ir-relazzjonijiet ta’ bejn iż-żewġ koppji kienu ħżiena għaliex il-koppja Wright kellhom xi klieb li kienu joħorġuhom jimxu fl-inħawi u l-konjuġi Xuereb kienu jsostnu li dawn il-klieb kienu qiegħdin iħammġu f’art tagħhom fil-viċinanzi. Fis-26 ta’ Novembru 2010 filgħodu Jannette Teresa Gloria Violet Wright darbtejn ħarġet timxi bil-klieb u kull darba ġiet segwita mill-imputata appellanti li bdiet tgħajjat b’atteġġjament intimidatorju u dan sabiex tara fejn Wright kienet ser tieħu l-klieb. Aktar tard il-konjuġi Wright reġgħu ħarġu jimxu flimkien mal-klieb. tagħhom u xħin kienu ser jirritornaw id-dar u waslu ħdejn ir-residenza tal-konjuġi Xuereb ħarġu l-istess konjuġi Xuereb u wara li ġie skambjat xi diskors bejniethom żewġ l-imputata u Jack William Wright ġew fl-idejn u spiċċaw mal-art. L-imputata, li kellha xkupa f’idejha, tat xi daqqiet bl-ixkupa lil Jack William Wright li sofra farrett f’moħħu u ġrieħi oħra f’partijiet oħra ta’ ġismu.

**Ikkunsidrat:**

**8.** L-aggravji tal-appellanti jistgħu jiġu rikapitulati kif ġej:

a. l-ewwel Qorti żbaljat meta rriteniet li ma kienux jeżistu iċ-ċirkostanzi neċessarji sabiex tiġi invokata b'suċċess id-difiża tal-leġittima difeża jew tal-eċċess tal-leġittima difeża.

b. ma saretx il-prova skont il-liġi li l-ferita li sofra Jack Wright kienet waħda ta' natura gravi.

c. l-imputazzjoni dedotta mill-Avukat Ġenerali fl-artikoli li ċċita hi ta' ħsara volontarja mentri l-imputazzjoni kif dedotta mill-pulizija hi ta' ħsara involontarja.

d. l-ewwel qorti ma setgħetx tillikwida l-kumpens li llikwidat għaliex fir-rigward tagħhom ma ntlaħaqx il-grad tal-prova rikjest fi proċeduri kriminali.

**9.** In kwantu għall-**ewwel aggravju** dan jirrisolvi ruħu f'allegazzjoni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**10.** L-appellanti ma taqbilx mal-ewwel Qorti fejn skartat id-difiża ta' leġittima difeża għaliex waslet għall-konklużjoni li l-appellanti attakkat lil Wright meta huwa kien qiegħed fl-art u ma setax jiddefendi ruħu u anqas fejn irriteniet li l-inċident seta' jiġi faċilment evitat u antiċipat mill-appellanti. L-appellanti ssostni li ma kienetx preżenti meta nqalgħet il-ġlieda u li dan jirriżulta kemm mill-istqarrija tagħha kif ukoll mix-xiehda ta' mart Wright. Dak li jirriżulta mill-istqarrija ta' mart Wright, iżda, hu li din kienet ġewwa u f'xi ħin semgħet l-għajjat. Minnufih wara tiddeskrivi kif rat lil Wright u lil martu mqabbdin ma' żewġha jiġġieldu. Rat ukoll lil żewġha u lil Wright jaqgħu mal-art. Dan kollu jindika li l-appellanta kienet preżenti wara li sar l-għajjat u fil-bidu ta' meta żewġha u Wright

ġew fl-idejn. Dan hu konfermat ukoll mix-xhieda ta’ mart Wright li wara li ddeskriviet kif żewġha Jack William u żewġ l-appellanti ġew fl-idejn, a fol. 37, kif indikat mid-difiża, żieded tgħid

“I recall that while this was going on Mrs. Xuereb came running out of the garage, she had a broom in her hand and whilst my husband was still on the floor she hit him with this broom. She hit him so hard that the top part of the broom came off. The first time she hit him I recall she hit him on the forehead with the broom and the broom came off. After this she continued hitting him repeatedly with the broomstick on the same place.

I recall that due to this hitting the broomstick broke in two pieces”

**11.** In kontroeżam a fol. 38, imbgħad, kompliet telabora u tippreċiża, fuq domandi tad-difiża, kif ġej:

“”I deny that she came out when she heared the commotion. In fact I recall that she was out seconds after her husband. When she came running out she was already with the broom raised in a menancing action. I recall that Mrs Xuereb hit my husband with the broom when my husband was lying on the floor and Mr. Xuereb was on his knees; she was bending down over my husband kicking and hitting him”.

**12.** L-appellanta, għalhekk, kienet għal kollox selettiva meta llimitat ruħha biex tindika biss il-parti tad-depozizzjoni ta’ mart Wright a fol. 37 iżda njorat għal kollox dak li l-istess xhud xehdet in kontroeżami, żball li l-ewwel Qorti ma nkorrietx fih tant li għamlet riferenza għax-xhieda komplessiva u ma llimitatx ruħha biss, bħal ma għamlet l-appellanta, għal xi parti jew oħra tagħha.

**13.** Fil-kuntest ta’ dan it-tieni aggravju, l-appellanta tkompli ssostni li għandu jiġi eżaminat jekk kienx hemm lok li l-appellanta tinħasad u kienetx ġustifikata li tirreagixxi kif irreaġixxiet. Hawnhekk l-apellanta tidher li qed tinvoka d-difiża ta’ eċċess ta’ leġittima difeża li ġiet

ukoll indirizzata dettaljatament fis-sentenza appellata u li l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li kellha tiskartha. Għandu jiġi rilevat li l-ewwel Qorti bdiet il-konsiderazzjonjiet tagħha dwar id-difiża ta’ leġittima difeza billi stqarret mingħajr tlaqliq li ma kienetx qed temmen il-verżjoni tal-imputata, kif kienet intitolata li tagħmel[1]. Fl-apprezzament tagħha tal-provi l-ewwel Qorti bdiet biex tiskarta d-difiża tal-leġittima difeża għaliex irriteniet li l-inċident in kwistjoni kien it-tielet wieħed dakinhar u kien kontinwazzjoni taż-żewġ inċidenti ta’ filgħodu u li kien żewġ l-appellanta li kien ikkonfronta lil Wright kif lemaħhom ġejjin bil-klieb. L-ewwel Qorti għalhekk sabet li l-appellanta ma kienetx aġixxiet taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq l-iskorta tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli f’dan l-apprezzament tal-ewwel Qorti. Di fatti din il-Qorti hi tal-fehma li l-kwadru li jemerġi mill-provi prodotti hu dak ta’ persuna, l-appellanta, li tikkopera ma’ żewġha fl-aggressjoni ta’ Wright u mhux ta’ persuna li tieħu azzjoni meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta’ wieħed innifsu jew ta’ ħaddieħor[2].

**14.** L-iskużanti tal-eċċess ta’ leġittima difeża tista’ tiġi invokata b’suċċess minn persuna “fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223”. L-ewwel Qorti, wara l-apprezzament dettaljat tal-provi li għamlet, waslet għall-konklużjoni li l-appellanta fil-fatt ma aġixxietx taħt iċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 223 u din il-Qorti ma ssibx raġunijiet serji sabiex tiddisturba din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti. Isegwi li s-sottomissjoni li l-appellanta aġixxiet b’eċċess ta’ leġittima difeża ma tistax ikollha suċċess. Tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti sabet li l-appellanta ma aġixxietx b’eċċess ta’ leġittima difeża allura ma hux il-każ li jiġi eżaminat jekk l-appellanta eċċedietx minħabba li nħasdet, beżghet jew twerwret għaliex dan l-eżami kien ikun neċessarju sabiex jiġi determinat jekk l-eċċess kellux ikun suġġett għal piena. Billi ġia ġie ritenut li ma kienx hemm lok għall-iskużanti ta’ eċċess ta’ leġittima difeża allura anqas hemm lok li

[1] Fol. 106
[2] Art. 223 tal-Kodiċi Kriminali

wieħed jeżamina jekk  kienx hemm xi eċċess li ma hux suġġett għal piena.

**15.** Fi kwalunkwe każ dak li joħroġ mill-provi ma hix stampa ta’ persuna li nħasdet, beżgħet jew twerwret iżda ta’ persuna determinata u spavalda li pprestat l-azzjoni tagħha fl-aggressjoni fuq Wright. L-appellanta tgħid li dak iż-żmien kellha problemi ta’ mobilita’ u ta’ saħħa fiżika. Kellha x’kellha l-appellata dak iż-żmien il-provi juru li sawwtet lil Jack Wright bl-ixkupa u tatu diversi daqqiet inkluż fuq rasu b’tali mod li kissret il-lasta tal-ixkupa fi tlett biċċiet u kkawżat farret fuq moħħ l-istess Wright. Dan ma tanx hu sintomatiku ta’ persuna bla saħħa jew menomata.

**16.** L-ewwel aggravju tal-appellanta qiegħed għalhekk jiġi miċħud

**17.** Bit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħha l-appellanta tilmenta li ma saritx il-prova skont il-liġi li l-offiżi li sofra Wright kienu gravi u dan għaliex skont l-appellanta ma rriżultax jekk il-ferita in kwistjoni wara tletin jum kienetx fieqet u għaqdet u jekk iva ma rriżultax jekk l-isfreġju kienx wieħed permanenti. L-ewwel Qorti sabet li l-farrett li kellu fuq moħħu Jack Wright u li ġiet kaġunata mill-appellanta kienet offiża ta’ natura gravi. Irriżulta li l-ferita fuq moħħ Jack Wright ħalliet marka fuq moħħ Wright li baqgħet tidher b’mod evidenti għal ċertu żmien kif jidher pależment mir-ritratti esibiti a fol. 43. u li tal-anqas sal-20 ta’ Jannar 2011 kienet għadha tidher (fol. 48). Dan hu biżżejjed biex il-ġerħa tikkwalifika bħala sfreġju u għaldaqshekk bħala offiża gravi għaliex biex l-isfreġju jikkwalifika bħala offiża gravi ma hux meħtieġ li jkun ukoll permanenti. Meta l-isfreġju jkun ukoll permanenti dan jiġbed fuqu piena aktar gravi taħt l-artikolu 218(1)(b) iżda għall-finijiet tal-artikolu 216 biżżejjed li jirriżulta sfreġju anki jekk mhux permanenti. Dan l-aggravju għalhekk jirrażenta l-fieragħ u qiegħed jiġi respint

**18.** Permezż tat-**<u>tielet aggravju</u>** l-apellanta tirrileva li fit-taħrika tal-pulizija ir-reat ta’ ħsara dedott kontra tagħha huwa dak ta’ ħsara <u>involontarja</u> mentri r-reat dedott fir-

rinviju tal-Avukat Ġenerali u li tiegħu l-ewwel Qorti sabitha ħatja huwa dak ta' ħsara volontarja. L-appellanta ma ssollevatx in-nullita' ta' din l-imputazzjoni kif dedotta mill-Avukat Ġenerali tant li hi stess sostniet li "per se dan forsi jista' ma jwassalx għad-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' ħtija rigward din l-imputazzjoni". Di fatti l-Avukat Ġenerali rrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati għat-tenur tal-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali li jawtorizzah jibgħat għall-ġudizzju ta' dik il-Qorti persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin bħal ma hu l-każ tad-delitt ta' ħsara volontarja. Bdanakollu l-appellanta tilmenta li bil-fatt li r-reat imputat inbidel minn wieħed ta' ħsara involontarja għal wieħed ta' ħsara volontarja dan jista' jwassal biex jiġi preġudikat is-smiegħ xieraq tal-appellanta. Din il-Qorti, iżda, ma tistax tara kif fiċ-ċirkostanzi seta' ġie preġudikat id-dritt għal smiegħ xieraq tal-appellanta tenut kont tal-fatt li l-artikoli tal-liġi li jiddefinixxu r-reati imputati lill-appellanta mill-Avukat Ġenerali nqraw lill-appellanta fid-29 ta' Novembru 2011 (fol. 76) fil-preżenza tal-avukat tagħha u l-imputata, legalment assistita kif ingħad, iddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat u deċiż mill-ewwel Qorti. Dakinhar il-kawża ġiet differita ghall-10 ta' Novembru 2011 għall-provi tal-appellanta. Dakinhar inġiebu xi provi in difeża u l-appellanta ddikjarat li ma kienetx ser tixhed u l-kawża ġiet differita għat-2 ta' Frar 2012 għall-konklużjoni tal-provi u għat-trattazzjoni Fit-2 ta' Frar 2012 inagħlqu l-provi, saret it-trattazzjoni u l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2012 meta ingħatat is-sentenza appellata. Għalhekk l-appellanta kienet ilha konsapevoli tal-bidla fl-imputazzjoni, qatt ma qajjmet xi oġġezzjoni għaliha, kienet dejjem assistita mill-avukat tagħha, kellha kull opportunita' tipprepara d-difiża tagħha għar-reat dedott mill-Avukat Ġenerali u għamlet it-trattazzjoni tagħha dwar ir-reat kif lilha imputat mill-Avukat Ġenerali.

**19.** Aspett ieħor ta' dan l-aggravju sollevat mill-appellant hu fis-sens li bil-fatt li r-reat imputat mill-Avukat Ġenerali kien dak ta' ħsara volontarja mentri dak imputat mill-pulizija kien ir-reat ta' ħsara involontarja "tiġi reża

superfluwa l-proċedura tal-*prima facie* fil-kumpilazzjoni". L-appellanta ma tispjegax fejn trid tasal b'din is-sottomissjoni anki jekk jirriżulta li għandha raġun fiha. Fi kwalunkwe każ dik is-sottomissjoni ma għandhiex mis-sewwa. Il-Qorti tifhem li bil-frażi "proċedura tal-*prima facie*" l-appellanta qed tirreferi għall-fatt li wara l-kumpilazzjoni tal-provi l-Qorti istruttorja hi msejħa tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Din il-Qorti ma tarax kif il-bidla fir-reat dedott mill-Avukat Ġenerali jirrendi superfluwa l-kumpilazzjoni u l-għeluq tagħha bid-dikjarazzjoni tal-Qorti istruttorja li hemm raġunijiet biex l-imputata titqiegħed taħt att ta' akkuża. Dik il-bidla fl-imputazzjoni aktar milli rrendiet il-kumpilazzjoni superfluwa għall-kuntrarju r-riaffermatha u r-rivendikatha. Ċertament ma jistax jingħad li l-imputazzjoni tar-reat dedott mill-Avukat Ġenerali ma setgħetx toħroġ mill-kumpilazzjoni li saret.

**20.** Dan it-tielet aggravju għalhekk qiegħed jiġi respint ukoll.

**21.** Fir-rigward tar-**<u>raba' aggravju</u>** l-appellanta tilmenta mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bħala danni u li l-appellanta ġiet ordnata tħallas lill-parti leża Jannette Teresa Violet Wright. L-appellanta tgħid li ma saritx l-aħjar prova tal-ammont likwidat mill-Qorti. L-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali jħalli marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni f'idejn il-Qorti sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-kumpens li għandu jitħallas. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti żammet fil-limiti ta' dak preskritt fl-artikolu 28H(3) tal-Kodiċi Kriminali meta llikiwdat l-ammont ta' kumpens li fil-fatt illikwidat u wara li eżaminat il-provi prodotti u in partikolari d-depożizzjoni ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright (fol. 59) u r-ricevuti u dokumenti oħra minnha esibiti (fol. 61-66) din il-Qorti ma hix tal-fehma li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-ammont ta' kumpens likwidat liema kumpens hekk stabbilit huwa, skont l-artikolu 28H(3) msemmi, "mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull waħda mill-partijiet, jew ta' xi persuna oħra li jkollha interess, li joħorġu mill-likwidazzjoni finali tal-ammont dovut, jekk ikun il-każ, kif

jista' jiġi eventwalment miftiehem jew deċiż f'kawża ċivili jew b'kull mod ieħor permess bil-liġi."

**22.** Dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi miċħud u b'hekk din il-Qorti ddisponiet mill-aggravji kollha tal-appellanta li ġew kollha respinti u konsegwentement din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' Veneranda Xuereb u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------